MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2008

Talba Numru. 779/2006

**L-Avukat Dr. Michael Psaila (K.I. 398480M)**
**bhala mandatarju specjali ta'**
**l-assenti Maurizo Marchetti**

**Vs**

**Power Imports Limited (C26252)**

**It-Tribunal,**

Ra l-**Avviz** fl-ismijiet premessi pprezentat fit-28 ta' Awissu 2006 u li permezz tieghu l-attur noe. ddikjara illi huwa kreditur tal-konvenuti fis-somma ekwivalenti f'Liri Maltin ta' disa` mija u tnejn u sebghin Euro (€972) rapprezentanti l-prezz ta' inbid Conero DOC skond il-fattura numru 133 tat-30 ta' Settembru, 2004 (Dok A) mibjugh u debitament konsenjat lis-socjeta` konvenuta`;

Illi minkejja li nterpellata diversi drabi, s-socjeta` konvenuta baqghet ma hallsitx 'l-fuq imsemmi ammont u baqghet inadempjenti;

Ghaldaqstant l-attur nomine jitlob bir-rispett lil dan l-Onorabbli Tribunal :

1. Jiddikjara lis-socjeta` konvenuta debitrici ta' l-attur nomine fis-somma ekwivalenti f'liri Maltin ta' disa` mija u tnejn u sebghin Euro (€972) ; u

2. Tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-attur nomine l-ekwivalenti f'liri Maltin tas-somma ta' disa` mija u tnejn u sebghin Euro (€972).

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-fattura.

Ra r-**Risposta** tas-socjeta` konvenuta pprezentata fis-26 ta' Ottubru 2006 u li permezz taghha eccepit illi l-konvenut kellu jigbor il-konsenja minn Reggio Calabria izda meta mar, il-mercja ma sabiex hemm, illi minghajr pregudizzju l-valur tal-mercja kien ferm inqas minn 972 Euros.

Ra l-affidavit pprezentat mill-attur nota tat-30 ta' Jannar 2008, u d-dokumenti hemmekk annessi.

Ra illi l-kawza thalliet ghall-provi tas-socjeta` konvenuta, izda ghal zewg seduti konsekuttivi la deher rapprezentant tas-socjeta` konvenuta u lanqas il-konsulent legali taghha, sabiex fis-seduta tat-23 ta' April 2008 l-attur noe. talab illi l-kawza tithalla ghad-decizjoni.

Ikkunsidra :

Illi l-azzjoni attrici tinsab sostanzjata bl-affidavit hawn fuq imsemmi – illi ghalkemm bil-lingwa Taljana – hadd mis-socjeta` konvenuta u lanqas rapprezentant legali taghha ma' qatt dehru sabiex jikkontestaw jew jopponu.

Illi l-abbandun tas-socjeta` konvenuta f'din il-kawza wassal ukoll sabiex mhux talli l-provi attrici ma' gewx

kontestati, izda talli wkoll l-eccezzjonijiet taghha ma' gew b'ebda mod ippruvati.

Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, it-talba attrici ghandha ghalhekk tintlaqa`.

Ghaldaqstant, wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, u l-provi kollha prodotti t-Tribunal qieghed b'ekwita` jaqta` u jiddeciedi billi filwaqt illi jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta, jilqa` t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attur noe. s-somma ta' disa` mija u tnejn u sebghin Euros (€972.00) ekwivalenti ghal erba' mija u sbatax il-Liri Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm417.28) kif mitlub fl-Avviz.

Bl-ispejjez ta' din l-istanza u bl-imghax kif mitluba fl-Avviz kontra s-socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------